A.L. 175 ta' l-2003

ATT TA' L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2003 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - fl-International Institute for Baroque Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-International Institute for Baroque Studies bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu l-Ordinamenti ta' l-2003 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - fl-International Institute for Baroque Studies.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-International Institute for Baroque Studies;

"il-Grad" tfisser il-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. ; u

"I-Istitut'" tfisser l-International Institute for Baroque Studies.

Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2002 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-anqas kwalifika biex wieħed jirreġistra għal grad ta' Ph.D. hija l-Master of Arts - M.A. - mill-Universita' ta' Malta jew l-ekwivalenti tagħha, u rakkomandazzjoni pożittiva mill-Bord.

Sunt tat-Teżi Proposta

4. Minbarra proposta dettaljata ta' riċerka, il-Bord jirrikjedi li l-applikant jissottometti sunt ta' madwar 1000 kelma dwar il-proġett propost, li għandu jinkludi s-sorsi u l-materja tar-riċerka.

Is-Superviżjoni

5. (1) Il-Bord jistenna li d-deċiżjonijiet li jirrigwardaw is-superviżuri (li jistgħu jinkludu studjuż minn universitajiet barranin) ikunu diskussi ma' l-Istitut. Il-Bord għandu jirrikmanda s-superviżur/i lis-Senat.

(2) Is-superviżur għandu jkun awtorita' stabbilita fil-qasam partikolari tar-riċerka.

(3)Fil-każ fejn ikun hemm iżjed minn superviżur wieħed, dan jista' jinkludi membru akkademiku ieħor mill-Universita' ta' Malta jew espert rikonoxxut li mhux membru ta' l-Universita' ta' Malta.

L-Awtentiċita' tat-Teżi

6. Teżi li tkun sottomessa għas-superviżjoni u għall-eżami ma għandha bl-ebda mod tkun diġa' ġiet sottomessa għal xi grad jew diploma x'imkien ieħor, u m'għandhiex tkun ġiet ippubblikata indipendentement mill-applikant, kemm kollha jew partijiet minnha.

Il-Format u l-Preżentazzjoni tat-Teżi

7. (1) It-tul ta' teżi għall-Ph.D. sottomessa lill-Istitut għandu normalment ikun ta' mhux anqas minn 70,000 u mhux aktar minn 90,000 kelma, li jinkludu n-noti fil-iegħ tal-paġni u l-biblijografija, iżda li jeskludu l-indiċi ta' l-ismijiet u/jew analitiku u xi appendiċijiet.

(2) It-teżi għandha ssegwi format ta' riferenzi standard tul ix-xogħol kollu. Madankollu, hemm diskrezzjoni dwar l-istili speċifiċi u l-modalitajiet.

(3) Wara l-approvazzjoni formali mis-superviżur/i, l-istudent għandu jippreżenta erba' kopji lid-Direttur ta' l-Istitut biex jitqassmu lill-eżaminaturi rispettivi.

(4) Għall-iskopijiet ta' l-eżami għandhom ikunu ppreżentati erba' kopji ta' kull teżi *heat-bound (thermal binding)*. Meta t-teżi tkun approvata, il-kopji għandhom jerġgħu jiġu ppreżentati f'forma aktar permanenti (preferibbilment bi qxur ibsin) fi żmien mhux aktar minn sitt ġimgħat minn meta jsir l-eżami *viva voce*. Kopja oħra, illegata wkoll b'dan il-mod, għandha tingħata lis-Sezzjoni tal-Melitensia fil-Librerija ta' l-Universita', illegata kif ġej:

bid-drapp (preferibbilment iswed) b'kartonċin iebes u karti tat-tarf ta' kwalita' tajba; b'ittri (preferibbilment ta' kulur id-deheb) fuq quddiem u fuq l-ispina li juru:

(a) l-isem ta' l-istudent;
(b) it-titlu jew it-titlu mqassar tat-teżi;
(c) il-grad li għaliha t-teżi qed tiġi sottomessa; u
(d) is-sena li fiha qed tiġi sottomessa.

Mapep, dijagrammi, graffs, materjal mitbugħ eċċ. għandhom ikunu llegati mat-teżi, iżda jekk dan mhux possibbli dawn għandhom ikunu ppreżentati separatament f'*folders* jew f'volumi u nnumerati.

(5) It-test għandu jkun ittajpjat fuq karti A4, fuq naħa waħda biss, bi spazju doppju u b'marġni ta' 40 mm min-naħa tax-xellug u mill-anqas 20 mm minn fuq, isfel u n-naħa tal-lemin tal-karta.